

Brussell, 8 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11367/26
PV CONS 43
TRANS 474
TELECOM 368
ENER 488
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)
26 ta' Ġunju 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 10866/26.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

- a) **Lista mhux leġislattiva** 10822/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

- b) **Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 10823/26

Riċerka

1. **Pakkett Orizzont Ewropa Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2028-2034** 10460/26 +
ADD 1-2
RECH

- a) **Programm Qafas u r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni**  10464/26

- b) **Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa**  10465/26
Approċċ ġenerali parzjali
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-24.06.2026

Il-Kunsill laħaq approċċi ġenerali parzjali dwar ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2028-2034 u dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa.

Dikjarazzjoni konġunta miċ-Ċekja, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja kif ukoll dikjarazzjonijiet mill-Awstrija, il-Ġermanja u l-Kunsill dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Pakkett dwar il-Grilji Ewropej



- a) **Direttiva li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001, (UE) 2019/944, (UE) 2024/1788 fir-rigward tal-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi** 10740/26

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001, (UE) 2019/944, (UE) 2024/1788 fir-rigward tal-aċċellerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi.

- b) **Regolament dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea** 10746/26
Approċċ ġenerali + COR 1 REV 1

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea.

Il-Portugall u Spanja ppreżentaw dikjarazzjoni konġunta, kif tinsab fl-Anness. L-Estonja, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja ppreżentaw dikjarazzjoni konġunta, kif jinsab fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. L-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni fil-qasam tal-enerġija għal wara 1-2030 9604/26
Skambju ta' fehmiet
5. Il-kriżi fil-Lvant Nofsani: miżuri ta' koordinazzjoni u rispons fis-settur tal-enerġija 9614/26
Skambju ta' fehmiet

Affarijiet oħra

6. a) Reviżjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni 10695/1/26 REV 1
(l-hekk imsejjaħ Regolament CACM)
Informazzjoni minn Franza, l-Italja u l-Polonja

- b) **L-impatti tar-Regolament dwar il-Metan fuq is-sigurtà tal-enerġija tal-UE** 10728/1/26 REV 1
Informazzjoni mill-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, , l-Italja, l-Iżvezja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, l-Italja, l-Iżvezja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija. Il-Greċja ngħaqdet bil-fomm.

- c) **Segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-forniment ta' isotopi radjuattivi għall-użu mediku** 10773/26
Informazzjoni mill-Belġju, Franza, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija u s-Slovenja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, Franza, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija u s-Slovenja.

- d) **L-iżgurar tal-inċentivi t-tajba biex titħaffef l-elettrifikazzjoni** 10814/26
Informazzjoni mid-Danimarka, Franza, l-Iżvezja u n-Netherlands

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-Danimarka, Franza, l-Iżvezja u n-Netherlands.

- e) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mill-Irlanda

-
- 1** L-ewwel qari
2 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 10823/26

**Dwar il-punt "A"
nru 1:**

Pakkett Orizzont Ewropa Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2028-2034

a) Programm Qafas u r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni

b) Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa
Approċċ ġenerali parzjali

DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL

"L-Approċċ Ġenerali parzjali tal-Kunsill dwar il-Programm Qafas u dak dwar il-Programm Speċifiku ta' Orizzont Ewropa ma jirriflettux il-pożizzjoni finali tal-Kunsill dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KKI) tiegħu. Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-EIT u l-KKI ser tiġi stabbilita fi stadju aktar tard, wara l-eżami tal-proposta li jmiss tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tar-Regolament dwar l-EIT.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposta tagħha għar-reviżjoni tar-Regolament dwar l-EIT tipprovdi bażi komprensiva u bbażata fuq l-evidenza biex jiġi kkunsidrat kwalunkwe aġġustament futur għall-qafas ġenerali tal-EIT."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tappoġġa Orizzont Ewropa 2028-2034, l-10 programm qafas tal-UE għar-riċerka, bħala faċilitatur ta' għarfien ġdid, prosperità u paċi fl-Ewropa.

Matul in-negozjati, aħna ppromwovejna b'suċċess l-enfasi fuq ir-riċerka fir-rigward tat-trawwim ta' soċjetajiet demokratiċi, kulturalment diversi, inklużivi, soċjalment ġusti, siguri u paċifiċi. Aħna nappoġġaw ukoll il-ftuħ tal-programm għar-riċerka b'użu doppju kemm f'applikazzjonijiet ċivili kif ukoll f'dawk militari fl-interessi tas-sovranità Ewropea.

Madankollu, jiddispjaċina li r-riċerka b'applikazzjonijiet esklużivament militari għandha tiġi ffinanzjata minn Orizzont Ewropa. Dik ir-riċerka għandha tiġi ffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK), li ser jinkorpora l-attivitajiet relatati mad-difiża li bħalissa huma koperti mill-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF).

B'dan aħna nafferma mill-ġdid din il-konvinzjoni minkejja li ma stajniex niks bu l-fiduċja tas-sħab l-oħra fin-negozjati b'mod suffiċjenti dwar din il-kwistjoni. Fl-istess ħin, nenfasizzaw l-approvazzjoni tagħna tal-programm Orizzont Ewropa kollu kemm hu."

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni huwa strument ewlieni għall-eċċellenza, is-sostenibbiltà u l-awtonomija strateġika tal-UE. Il-Ġermanja tilqa' u tappoġġa l-approċċ ġenerali parzjali fir-rigward tar-Regolament li jstabbilixxi l-10 Programm Qafas (Orizzont Ewropa 2028-2034, "FP10").

Madankollu, il-Ġermanja tenfasizza l-importanza li jitkomplew il-prattiki stabbiliti preċedentement u applikati attwalment b'rabta mar-riċerka li tinvolvi ċelloli staminali embrijonali u embrijuni umani.

Il-Ġermanja tilqa' l-fatt li l-Artikolu 21 (Eliġibbiltà), il-paragrafu 10, tar-Regolament dwar l-FP10 jistipula kriterji ta' esklużjoni etika legalment vinkolanti għall-finanzjament, filwaqt li jżomm fis-seħħ ir-regoli li kienu stabbiliti preċedentement skont ir-Regolament Orizzont Ewropa 2021-2027 ("FP9"). Madankollu, il-Ġermanja temmen li huwa kruċjali wkoll li jkun assigurat kontinwament li l-ebda fondi tal-UE ma jiġu allokat għar-riċerka (inkluż riċerka li tinvolvi l-akkwist ta' ċelloli staminali) li fiha jinqerdu l-embrijuni umani, peress li tali Prattiki huma projbiti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali Ġermaniża dwar il-protezzjoni tal-embrijuni. Għal dan il-għan, il-Ġermanja tistenna li l-Kummissjoni Ewropea toħroġ, fi żmien xieraq, dikjarazzjoni fir-rigward tar-Regolament dwar l-FP10 f'konformità ma' dik maħruġa b'rabta mal-adozzjoni tar-Regolament dwar l-FP9 (2021/C 185/01, "Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-etika/ir-riċerka dwar iċ-ċelloli staminali")."

DIKJARAZZJONI MIČ-ČEKJA, IL-KROAZJA, IL-LATVJA, IR-RUMANIJA, IS-SLOVAKKJA, IS-SLOVENJA U L-UNGERIJA

"Iċ-Ċekja, il-Kroazja, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija jappoġġaw l-adozzjoni tal-Approċċ Ġenerali Parzjali (PGA) dwar il-proposta għal Orizzont Ewropa 2028–2034. Peress li d-dispożizzjonijiet tal-atti legali tiegħu li jiffurmaw parti min-negozjati orizzontali dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) huma esklużi mill-PGA sakemm isir aktar progress fil-QFP, b'mod partikolari l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa, il-qbil tagħhom fir-rigward tal-PGA jingħata abbażi tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati tal-QFP fil-mument tal-adozzjoni, kif rifless fil-Kaxxa ta' Negozjar imħejjija taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenzaⁱ.

B'mod partikolari, iċ-Ċekja, il-Kroazja, il-Latvja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija jqisu li huwa essenzjali li l-Programm ikompli jipprovdi aċċess għal miżuri ta' bini tal-kapaċità kemm għall-Pajjiżi tat-Twessigħ kif ukoll għal dawk fi Tranżizzjoni, b'modalitajiet differenzjati għall-Pajjiżi fi Tranżizzjoni. Huma jqisu wkoll li huwa essenzjali li żieda fl-investment pubbliku fir-riċerka u l-innovazzjoni bħala kundizzjoni ta' eliġibbiltà għall-aċċess għall-miżuri rilevanti ta' bini tal-kapaċità tiġi vvalutata abbażi ta' żieda nominali fin-nefqa meta mqabbla mas-sena preċedenti."

ⁱ ST 10058/26.

Dwar il-punt "B"
Nru 3b):

Pakkett dwar il-Grilji Ewropej

Regolament dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PORTUGALL U SPANJA

“It-tlestija ta’ Unjoni tal-Enerġija ġenwina hija waħda mill-pilastri fundamentali tal-aġenda Ewropea.

L-avvanz ta’ dik l-aġenda jeħtieġ mhux biss l-armonizzazzjoni tar-regolamentazzjoni u l-politika tal-enerġija fil-livell Ewropew, iżda wkoll l-unjoni fiżika tal-infrastruttura tal-enerġija tagħna. Ma jistax ikun hemm Unjoni tal-Enerġija mingħajr Ewropa interkonnessa sew.

L-interkonnessjonijiet iridu jinftiehem bħala ben pubbliku Ewropew, mhux kwistjoni ta’ negozjati bilaterali. Il-benefiċċji tal-interkonnessjoni ma jiqfux mal-fruntiera: prezzijiet bl-ingrossa aktar baxxi, sigurtà tal-provvista akbar, integrazzjoni aħjar tas-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli, u reżiljenza mtejba tas-sistema għas-sistema tal-elettriku tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

L-Ewropa qed taqleb lejn sistemi tal-elettriku mħaddma kompletament minn sorsi rinnovabbli, li jitlob tisħiħ sinifikanti tal-istrumenti ta’ flessibbiltà. L-interkonnessjonijiet tal-elettriku huma kritiċi f’dan ir-rigward u, ukoll, prerekwiżit għall-kompetittività Ewropea. Iż-żidiet fil-produttività mwiegħda mill-elettrifikazzjoni jistgħu jimmaterjalizzaw biss jekk is-suq intern tal-enerġija jkun ġenwinament integrat.

Aħna lqajna l-fatt li l-inizjattiva tal-Awtostradi tal-Enerġija tal-Kummissjoni Ewropea tinkludi fost it-tmien awtostradi tal-enerġija Ewropej magħżula l-interkonnessjonijiet tal-elettriku trans-Pirinej u l-kuritur tal-idroġenu ekoloġiku (H2Med).

Ir-Regolament dwar l-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea (TEN-E) huwa għodda kritika biex jitwettqu dawn il-proġetti, li huma kruċjali biex jiġi sfruttat il-valur tal-Peniżola Iberika bħala ċentru tal-enerġija rinnovabbli u jiġi żblukkat l-iżolament tagħha mal-bqija tal-kontinent.

Għalhekk, Spanja u l-Portugall jappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tirrifletti l-Awtostradi tal-Enerġija li jgħaqqdu l-Peniżola Iberika mal-Ewropa Ċentrali fix-xenarju ċentrali li jrid jiġi elaborat fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 skont ir-Regolament dwar l-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea (TEN-E).”

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ESTONJA, IL-FINLANDJA, L-IŻVEZJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA U L-POLONJA

“L-Estonja, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja jilqgħu l-progress li sar fil-Kunsill dwar ir-reviżjoni tar-Regolament TEN-E. Fl-istess ħin, aħna nqisu li l-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika tal-enerġija għandhom jiġu riflessi b’mod aktar ċar fil-kompromess finali, b’mod partikolari fl-Anness II.

Il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, it-theddid ibridu u l-inċidenti ta’ sabotaġġ kontra l-interkonnetturi tal-enerġija transfruntieri tagħna wrew li l-infrastruttura kritika tal-enerġija hija parti essenzjali mis-sigurtà u l-preparatezza tal-Unjoni. Ir-reżiljenza għall-perikli kollha ma tistax tibqa’ biss objettiv ta’ politika orizzontali, trid issir parti, li tista’ tiġi ffinanzjata u mkejla, mill-politiki, il-programmi u l-prijoritajiet ta’ investiment tal-UE.

F’dan il-kuntest, napprezzaw li l-Anness II tal-Approċċ Ġenerali tar-Regolament TEN-E jinkludi kategorija separata għall-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika tal-enerġija. Filwaqt li nieħdu nota li l-Approċċ Ġenerali jinkludi l-infrastruttura tal-elettriku f’din il-kategorija, nissottolinjaw li l-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura tal-enerġija għandhom jitqiesu bħala kwistjoni għas-sistema kollha fil-politiki tal-UE, inkluż l-infrastruttura kritika kollha biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista. Nenfazizzaw li l-protezzjoni tal-assi eżistenti li jibqgħu importanti għall-flussi transfruntieri u s-sigurtà ekonomika ma għandhiex timplika l-estensjoni tal-ħajja tal-infrastruttura fossili.

Il-pożizzjoni tagħna tibqa’ li l-kategorija għandha tinkludi wkoll kapaċitajiet ta’ rkupru, inkluż il-preparatezza għat-tiswija u l-istokkijiet reġjonali ta’ komponenti kritiċi u spare parts, biex jiġi żgurat li l-flussi transfruntieri jkun jistgħu jiġu restawrati malajr wara attakki, sabotaġġ jew tfixkil kbir ieħor.

Fid-dawl ta' dan kollu, nenasizzaw li l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija għandha tiġi ttrattata bħala prijorità fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u riflessa b'mod aktar konsistenti fl-acquis usa' tal-UE dwar l-enerġija.

Filwaqt li jqisu l-elementi deskritti hawn fuq, l-Estonja, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja jappoġġaw progress ulterjuri fil-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tal-enerġija fir-Regolament TEN-E matul in-negozjati interistituzzjonali li jmiss.”
